# ĠUŻÈ BONNICI, politiku u awtur (1907-1940)



Ġużè Bonnici twieled il-Belt Valletta fl-14 t'Awwissu 1907, iben Pawlu u Ġovanna mwielda Debono, it-tnejn Għawdxin. Hu kien it-tieni wild tagħhom. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-Belt, is-Seminarju t'Għawdex u l-Università ta' Malta minn fejn iggradwa bħala tabib fl-1931. Inħatar Kap tad-Dipartiment fl-Isptar Ċentrali. Fl-1934 iżżewweġ lil Evelyn Testa u kellhom tliet ulied.

Ġużè Bonnici sar delegat tal-Partit Laburista fl-1926, ħames snin wara t-twaqqif tiegħu. Fl-1928 daħal fl-Eżekuttiv u tlett snin wara, fl-1931 ħareġ il-ktieb **L-Istorja tal-Partit tal-Ħaddiema**, fuq l-ewwel għaxar snin tal-Partit. Qatt ma kkontesta l-elezzjonijiet ġenerali.

Ġużè Bonnici kien wieħed mill-fundaturi u l-ewwel President tax-Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti. Fl-1931 waqqaf l-Għaqda tal-Malti (Università) ma' sieħbu Rużar Briffa, it-tnejn studenti tal-Mediċina, bil-għan li l-Malti jingħata l-prestiġju li jistħoqqlu fl-Università. Bdew ukoll il-pubblikazzjoni Leħen il-Malti. Fl-1938 beda jippubblika **Ġabra ta' Kitba Maltija**, minn Dar tal-Pubblikazzjoni Excelsior li kien xtara minn butu fil-Belt, fi Triq Sant'Ursula. F'sentejn ħareġ tnax-il ktieb. Xi rumanzi li kiteb jinkludu **Imħabba u mibegħda** (1927) ġrajja ta' żmien il-Feniċi, **Il-Qawwa tal-Imħabba** (1938), **Ħelsien** (1940) u **Lejn ix-Xemx** (1974). Stampa wkoll tliet kotba bil-poeżiji ta' Dun Karm.

Miet ħesrem fis-6 t'Ottubru 1940 fl-età ta' 33 sena.



## Ktieb x'taqra... u bil-Malti!



## MILL-GALLARIJA
### ta' Charles Casha




Dan il-ktieb jiġbor fih ġabra ta' karattri li l-awtur jiftakar fi tfulitu u żgħożitu. Iżda bħalma għamel f'kotba oħra fuq l-istess ġeneru bħal *Minn Tarf sa Tarf tat-Triq* u *Minn fuq l-Għatba,* huwa jsawwar dawn l-istejjer b'doża qawwija ta' immaġinazzjoni. L-ambjent li fih iseħħu l-istejjer huwa d-dinja ċkejkna tar-raħal żgħir fejn l-awtur trabba u kiber. L-istejjer inisslu wkoll nostalġija lil min jiftakar is-snin ħamsin u sittin filwaqt li għal dawk li ma jiftakruhomx juru d-dinja differenti minn dik ta' żmienhom.



Charles Casha

Meta kien għadu tfajjel, Casha kien iqatta' ħafna ħin fil-gallarija tad-dar fejn kien joqgħod u minn hemm nibtu l-istejjer li jiffurmaw dan il-ktieb: ***Mill-Gallerija***. Il-lingwaġġ li juża l-awtur huwa wieħed sempliċi li jinżel tajjeb ma' kull qarrej. Fin-nisġa tal-istejjer l-awtur idaħħal ukoll xi drawwiet u tagħrif ieħor fokloristiku li jkomplu jagħtu l-kulur lin-novelli. L-iskop tagħhom, skont id-daħla tal-istess awtur, huwa li permezz tagħhom il-qarrej jistrieħ u jieqaf ftit mid-dinja mimlija impenji u taħbil il-moħħ li qed ngħixu fiha llum il-ġurnata.

leħħ il-Malti
nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

**Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com***